Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,190, 17 ta' Mejju, 2019

Taqsima B

A.L. 103 tal-2019

ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (KAP. 427)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Spezzjoni ta' Liftijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 38 u 39 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali fuq parir tad-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi), għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Spezzjoni ta' Liftijiet u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Spezzjoni ta' Liftijiet, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 427.63.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "l-Awtorità" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Kap. 510.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "*condominium*" għandha tiżdied it-tifsira l-ġdida li ġejja:

"Kap. 510.

"Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi) maħtur bl-artikolu 19 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur u tinkludi, fil-limitu tal-awtorità mogħtija, kull uffiċjal pubbliku awtorizzat minnu bil-miktub sabiex jaġixxi f'dik il-kapaċità għal kwalunkwe mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali,

għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Proċedimenti Kap. 427.

13. It-Taqsima IV tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti għandha tapplika għall-proċedimenti fir-rigward ta' kwalunkwe reat taħt dawn ir-regolamenti.

Iżda l-azzjonijiet kriminali għal reati taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu preskritti wara sitt snin.".